MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru 1054/2013

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat detentur ta' passaport Congolese numru 0B0135143 akkuzat talli fit-21 ta' Ottubru 2013 f'dawn il-Gzejjer:

- b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' Rosario Carabott mill-Marsa u/jew persuni ohra, liema hsara hija aktar minn Euro 2329.37 u persuni ohra;
- fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bi hsara ta' haddiehor u cioe' Rosario Carabott mill-Marsa u/jew persuni ohra, ghamel qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Euro 2329.37;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija tieghu jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

Ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrispekkja l-imputazzjonijiet riportati kontra l-imputat fic-citazzjoni. Jittrattaw il-frodi b'ghemil qarrieqi, komunement maghrufa bhala truffa, l-frodi innominat u l-aggravju fil-frodi f'kas ta' hsara 'l fuq minn Euro 2,329.37.

Il-fatti tal-kawza ghal dak rigwardanti t-truffa u l-frodi innominat huma l-istess ghal dawk li gew decizi illum stess fil-konfront ta' Jose Molita Bosembo. Difatti l-imputat u l-imsemmi Bosembo kienu awturi flimkien fit-twettiq tar-reat ta' truffa li tieghu l-Qorti  ssib ukoll htija fl-imputat odjern.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat hati tal-ewwel akkuza. Tilliberah mit-tieni. Rat l-Artikolu 308, u 310(a) tal-Kap 9.

Tikkundannah sentejn u sitt xhur prigunerija. Tordna wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap 9 il-konfiska tal-flus u t-telefons cellular depositati fl-atti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------